# 30. L-Egħkierex (Ballata)

Kif kienu moħbijin taħt xifer blata,
imgeddsa ma' xulxin fir-raqda twila
li ġibdet is-sajf sħiħ, ħassew it-tromba
tal-ewwel xita ddoqq daqqa qalila.

"Qumu malajr," għajjat ix-xiħ bil-ħeffa,
"ix-xita nieżla, wasal jum il-btala!
fl-għelieqi, fil-ħitan, u fuq is-siġar
kulħadd imur jitbaħbaħ u jixxala!"

U l-ġewż imxerred fl-art beda jiċċaqlaq,
u minn kull waħda bdew ħerġin it-trombi,
u kif tħejjew ilkoll, bdiet ħierġa l-ġilwa
bil-mod il-mod minn ġewwa l-katakombi.

Xi frisk ħassew kif firxu fuq il-għatba!
oh! x'benna kullimkien niżlet mis-sema!
kull fejn tħares qatriet t'ilma leqqieni,
għadajjar żgħar mifruxa ġemgħa ġemgħa!

Il-Ġilwa xterrdet, u min għażel siġra
u tela' mal-ħażiż; min qabad xatba
u mexa mal-faxx twil ta' qtar idemma'
bil-mod mad-dliegħi twal; min għażel ħatba

Mitfugħa qisha pont fuq ħofra bl-ilma;
min qalb ix-xewk fedded għalih mogħdija
fil-pal tal-bajtar; min mal-ħajt ixxabbat;
ilkoll ġrew 'l hawn u 'l hemm qalb dawl u dija!

* * *

Ix-xatba żaqżqet ftit, u dehret Mara
bis-satal, u bix-xkora, u bis-sikkina,
– it-tromba illi ħabbret lill-egħkierex
il-jum ta' ferħ kienet għall-mewt stedina! –

Fix-xkora l-Mara tefgħet il-pal aħdar
b'xi bajtra 'l hawn u 'l hemm tas-sajf imwaħħra;
fis-satal tefgħet bruġ u bruġ t'egħkierex,
u telqet lejn id-dar bil-ferħ imsaħħra!

U minn l-egħkierex baqa' x-xwejjaħ waħdu,
mistoħbi wara werqa sewdenija
tat-tin, jitbekka l-ġrajja b'qalb miksura
tal-Ġilwa li ġġerriet qalb ilma u dija.